# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

## Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh

**IMBIERECH MIL PAPA LEONE XIII.**

*Jen ir-raghai tajieb: u 'ngharaf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S. Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis... Apostolicam Benedictionem, auspricem coelestium gratiarum impartimus Omnibuspro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' oħra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissieheb* iħallas Hames so'di cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieħ imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

**It-Disa Sena 1887 Nu. 9 Settembru**

## IR ROSARIU TA MARIA

Dieħel ix xahar ta Ottubru, ix xahar tar-Rosariu. Issa tasseu li Ottubru jista jissejiaħ ix-xahar tar-Rosariu. Tħossux f' kalbcom ferħ, tħossux coragg, tħossux tama gdida meta jokrob Ottubru ? jokrob ir-Rosariu ? —L' imħabba ta Maria SSa Ommna iggib dan. Iva, Leone XIII, li ried ir-Rosariu f' Ottubru publicament recitat, kankal il klub ta l' insara lein Maria u kighed izarma il ghedeuua tal Cnisia ftit, ftit. Bosta masuni converteu; protestanti saru Cattolici ; il Germania tat paci lil Cnisia, fil missioniet isir gid l' actar cbir; il gloria tal pontificat ticber u bill mod il Cnisia scismatica donna rieska leina. Bosta scismatici keghdin iħallu l' erruri taħħom u isiru cattolici u jitolbu ministri cattolici, taghlim u barca tal Papa ! Eccu, chif Maria SSa tirbaħ tasseu ueħida il ghedeuua, *Cunctas here ses sola interemisti*, tghedila il Cnisia fl'offiziu.—Nkeisu li bill kalb u bill ferħ ngheidu publicament ir-Rosariu ta Maria f' dana Ottubru u icollna barca taħħa actar milli nixtieku. Nkeisu ucoll li f' dan Ottubru ma natux *duluri* lill Maria SSma bid-dnubiet u jecch aħna

fihom, nficciu nindafu bis-Sacrament tal krar.—Il pajis taghna ua il pajis ta Maria, ghaliex ghandu eluf ta memorii tal protezioni taħħa u f' daun il granet ueriet ruħa chem trid min Malta tcun fil kima. Mix ħagia tal ghageb chif eluf ta bnedmin, ghorrief u cbarat, sacerdoti u poplu gibditom Maria jinvistaua fil Cnisia, l'euuel abbandonata, ta Pinu f'Ghaudex, barra min tant grazii li emma saru? — Scont chif x' uħud igheidu fil Mellieħa ucoll l' istatua ta Maria tħarchet bosta drabi u dana ucoll ragia gibet xi nies lein dach is-Santuariu li katt ma nseuħ il maltin. Nfaħħru, nfaħħru lil Maria, ghaliex min lila ifaħħar u joghgioħ icollu il ħajia ta dejiem. *Quí elucidant me vitam æternam habebunt.*

## ID-DEVOZIONI TA MARIA SSA ADDOLORATA

Lebda mez ua actar taijeb biex inissel fina f'kasir zmien l' ispiritu ta veri insara daks id-devozioni taddulur ta Sidna Maria Vergini. Per mez ta dina iddevozioni nirtabtu mal Kalb imkadza taħħa, u biex ingheid ecch nitħlu figha u min aun immorru ghand il Kalb l' izied ghaziza ta Gesù fein aħna mil ghain l'eulenia nixorbu l'ilma imkaddes li jimliena bl'ispiritu ta veri insara,

Dana l'ispiritu ua spiritu ta mħabba tenera ta ulied, li ibighed cull biza u irid it-tama u il cunfidenza colla f' Alla l' imbierech pħala Missier l' actar ħanin; ua spiritu ta distacc mil ħueijeg karrieka tad-digna, u ta imħabba ta cull tbatia; ua spiritu ta mibgheda lein iddnub u dach collu li Alla ma iridte: ua spiritu ta ħrara cbira ghal gloria t' Alla, u ghal conversioni tal midimbin.

Dana collu aħna nitghalmu mil Kalb addolorata ta Maria SSa, li chienet il mera l' actar ciar tal Kalb imkadza ta Gesù. Il cbira imħabba li ħad ma jifisser ta Maria lein bina Gesù, li giaghlitha tħoss fil Kalb taħħa is-seif stess tal puieni l' actar ħorox li nifed min cullumchien il gisem u 'r-ruħ ta Gesù, turina bicciar liema ghanda tcun l' imħabba taghna tenera leigha u lein Alla l' imbierech.

Il ħaija colla ta Maria mimlia colla bid-duluri, bil privazioniet, bis-slaleb, veru martiriu, pħal dich ta Bina Gesù, min ghair ma chella l' ebda ħtia, tħaijarna chif aħna sabiex incunu nixbħua u noghgbugha, ghandna noboghdu il frugha tad-digna, nghanku bil ferħa is-slaleb u it-tbatia, u f' dina ingibu ruħna bis-sabar collu mita niftacru li izied batiet minna l' Omm taghna addolorata.

It-telfa li ghamlet Maria ta bina Gesú uara il passioni u 'l meut tighu, li chienet is-seif l' actar chiefer li nifed il Kalb taħħa, tghallimna chem aħna ghandna nibzghu u nitreghdu mil misħut dnub li ifridna mill imħabba ta Gesù, u chem ghandna nittħassru lill dauca l' imseicnin li igheixu fl' istat icreħ tad-dnub, fil cbir periculu li cull uakt jitilfu ghal deijem l' Alla unicu oggett tal felicità taħħom. U ghalecch nintleu bil ħrara imkadza li bilgri jirnexxilna narau tant eruieħ iagharfu mil gdid u iħobbu l' Alla l' imbierech.

Inficciu immela nersku lein Maria SSa, b' maniera speciali natua kima fil misterii tad-duluri taħħa, u nkisu li min dauna nifmu u nircievu daca l' ispiritu collu li aħna ghandna ingibu fina pħala veri insara.

Inficciu nersku, meħudin min Maria, lein Gesù u nitħlu ghal deijem fil Kalb imkadza tighu, fein aħna nifmu aħiar in-nichet tad-duluri ta Maria, u nghexiu actar sicuri u bgheid mil periculi u il ħsara mill ghedeuua ta ruħna u mimljin bli spiritu ta veri insara.

M. A. F.

## L' ESIBIZIONI VATICANA

Ghedna l' aħħar darba illi ghandna nitħattu min din l' Esposizioni li ghanda issir ghall' aħħar tas-sena f' Ruma, meta il Papa Leone XIII jaghlak 50 sena li ilu ikaddas, u già bosta ħueijeg geu lilu regalati ghal din l'Esibizioni u f'Malta già saru u keghdin isiru ħuejieg sbieħ ucoll ghal dana il fini. Ngheidu illum mill' altar li regalatu il *Comissioni generali* ta l'Esibizioni stess, li marret tuighed premiu ta £160 lil min jaghmel l' aħiar disin ghal dan ir-rigal, barra min premii oħra iz-

ghar. Saru 40 disin, cȏlla sbieħ, izda l' esami, li sar min bosta architetti u nies li tifem, ghazel id-disin tal Professur Moretti ta Milan, zaghzuħ ta 27 sena, illi izda ua msemmi ghad-disigni tighu! L' artal ua tal gost goticu italian tas-seculu XV. Min fuk tliet targiet titla il mensa ta l'artal, u min uraiħ titla actar uiesgha il facciata li maħħa imiss l' artal. Mal mensa ta l' artal fin-nofs emm intagliata ic-Cena ta Gesù Cristu, mal gnub emm il maghmudia u 'l grisma figurati b' intagli oħra, beinietom emm nicec bi statuetti tad-dutturi tal cnisia. Fuk il mensa emm l' iscannel ghal candlieri, f' nofsu emm tabernaculu uisk sabieħ u ma gemb dana emm zeug angeli jadurau. Min fuk dan l' iscannel jitla quadru, Madonna bill Bambin, bi guarnic ricch u fuk bill baldacchin li joħrog ftit il barra, min taħta culur is-sema bl' istilli dorati; min fuk dana il guarnic jitilghu ħames ponot ta ornamenti u bein erbgha emm is-simboli ta l'Evangelisti; u tan-nofs, li fiha is-simbulu tal Missier Etern, toghla u taghlak collox b' salib. Collox ta disin uisk sabieħ! Mal gnieb tal quadru emm fil gholi erba nicecc cull naħħa, bl'istatui ta xi kaddisin min dauc li geu *Canonizzati* min Leone XIII u taħt daun it-tmen nicecc emm, uieħed cull naħħa, zeug quadri uieħed il Crocifissioni u l' ieħor ir-Ressurrezioni. Uara x' uħud min dauch in-nicecc u uara xi uħud mill' intaglii jigiu mkeghdin ir-reliquii, li per mezz ta ingegni apposta, jistghu jidru jeu jitghatteu meta trid, min ghair ma titlef xein mill gost ta 'd-disin ta l' artal. L' artal collu ua ndorat, il quadri pittura celebri u xi bnadi emm contrast uisk sabieħ ta culuri ma l' indoratura,

Dan l' euuel don illi giè maghmul u rnexxia tasseu, ghal festa ta 'l missier ta cull ħatt.

Min Malta tafu illi imbaghtet lill Papa, u presentajelu l' istess maħbub taghna Iskof Amministratur.

dghaisa tal filugranu xioghl is-signur Meli, din tauuielu it-Terziarii tal Capuccini tal Birgu. Din id-dghaisa ìa pħal dauch ta Malta, uisk sabieħa u perfetta Tfisser imbaghat din id-dghajsa il Cnisia ta Gesù Cristu, fein il Papa ua il bdot. Il Papa feraħ bigha uisk.

Ghandna stess imbaght geu consegnati zeug regali ghal Papa. Il uieħed ua ctieb bl' orazioniet tal Cnisia li jinghadu fil Benedizioni, min barra ir-raccmat bid-deheb u ħarir tal culuri, bl'arma tal Papa ta gost u ħedma uisk sbieħ xioghl u dòn is-signi Antonia u Carmela Farrugia Le Brun. L' ieħor ua quadru li fin-nofs fieħ ir-Ritratt tal Papa u ma duaru collu disigni mkabbsin u mzeijen b' ix-xioghl tal cartun il iseiħulu *finto avorio*. Xioghl u dòn tas-signorina Rosina Salnitro.

Nafu ucoll li ntghata min Malta ghall' Esibizioni tal Papa stocc ta 'd-deheb ta xioghl sabieħ u antich. u giò fieħ fiħ somma ta Liri sterlini.

Izda incomplu ngheidu mir-regali li seirin min paijsi oħra.

Min Varallo offreu lill Papa quadru scolpit, fiħ il Madonna bil Bambin copia ta *bassriliev* tad-Donatello. Il guarnic ua intagliat; collox fiħ xi ħames tixbar. Sar fl' iscola ta l' iscultura li ighedula Laboratorio Bartolo f' Varallo (Italia).

F'Firenze emma esposta l'istola li ghamlu ghal Papa it-Terziari ta 'd-Duluri. Ia tas-satin aħmar maħduma b'disin tas-seculu 1300 tal Prof Turchini u ħadmita is-signura Piselli. Fuk emm salib raccmat b'id-deheb u fieħ il brillanti u fit-tul emm l' armi tal Papa li fihom il ġauuar, fit-truf emm zeug medagliuni raccmati, fein emm il Madonna keghda tati il-labtu lis-seba Fundaturi ta l' Ordni tas-Servi ta Maria (tad-Duluri). Il Papa jilbes din l' istola fil ħin li jissantifica lill daun is-seba fondaturi li seijer icun mal festa tal giubleu tighu !

Min Pisai imur tabernaculu tar-rħam ta Pisa. It-tabernaculu ua tar-rħam abiat, forma ta Cnisia tal gost antich ta Pisa, Imbaghad fieħ xioghlijet uisk sbieħ b' irhamiet oħra coloriti. Fieħ l' armi imkabbsin tal Papa u ta Pisa, fieħ *bassirlievi* tal bronz mal gemb fieħ l' istoria ta Pisa fil grazii li kalghet mil Madonna. Uaħda mil l'isteijer *bassirilievi* li fieħ emm Leone XIII ikaddes. Emm ucoll il Pissidi biex jitħol f' dan it-tabernaculu : dan ua regal ta l' Arciskof u tal Capitlu tal Cnisia Primaziale ta Pisa.

Fost tant regali sbieħ li emm lesti biex imorru min Ivrea, tarau l' imbit ghal kuddiesa tal Papa. Emm imbit li ghandu mil 1802, u tlet cxiexet bill ħiexchen bl' imbit ta 50 sena!

*(tissocta)*

## IL LAPTU TA S. GIUSEPP

*(arau in-numri ta kabel)*

F' uaħda mill Cneijes ta raħal cbir mnein il giandarmi chienu telku meta rau geijn il garibaldini, chienet Cnisia cbira, fein daun daħlu biex jaghmlu id-disprezzi l' actar cbar. X' cont tara? Min dauch tal kmis ħamra uiħed jitla fuk il pulptu u gheid discorsi l' actar oxxeni, min jitdħol fil confissinariu taparsi ikarar, ieħor jitla fuk l' altar jaghmel ħafna *gesti* u *smorfi* taparsi ikaddes,... u Gustavu chien uieħed mill'eulenin biex jaghmel min dan collu, biex juri li ma jistmax izied il ħueijeg tar-religion!.. Sa chem uaslet il-lakgha tas-suldati garibaldini ma tal Papa ghaddeu granat, u leila uaħda fi dverna chien emm erbgha min daun il garibaldini jixorbu ma duar meida. Daħal Surgent u chellu fax ittri. Cull tant beda jeħu belgha min tazza li giebulu u uaħda uaħda jara il-littri li chellu ikassam, u beda ighaijad jakra l'*indirizzi* ghal min chienu mibghutin:

—Is-sur Conti Gustavu B...

—Jen ua, sur giandarm, kallu Gustavu li chien uieħed min dauch l' erba garibaldini, u ħares fuk il-littra biex jara il carattru u gharaf li chien ta ommu. Gustavu darba biss chien chitbilom f' dan iz-zmien

collu, u chitbilom chelmtein li missieru ma chellux coragg iuiegbu. Izda ommu chitbitlu ecch :

Gustavu,

Missierech rcieva il chelmtein li ctibtlu. Uara ħarba chiefra li biha tlaktna ecch, chelmtein ittra biss..? Missierech ma rietc iuiegbech bic-cianfir chif chien ixraklech u reħa lili ommoch din il ħagia li inuiegbech. Inti ghadech taf min ìa ommoch ? Ia mara li tghaddi izied bid-dmuħ inchella bill ħobs min xħin inti tlaktna, b' kalb ecch ħazina ! U x' ghamlitlech ommoch biex taghmlila ecch; iben bla kalb ? .Jecch tarani, tara li jen fi ftit granet xieħt ħafna snin u forsi ftaħtli ucoll il kabar bill ghali. Izda ghadni nħobboc u ncompli naħseb fich, nirricmandach lill Angelu Custodiu tighech. Nitolbu ghalecch, jena missierech u ħutech lill Maria Sma tad-duluri, li ghalich ucoll batiet, nitolbu lil San Giusepp. Ftacar li min zghuritech ghallimtech tħobbom! Aħseb x' kighet taghmel contra il fidi ta missieritech u ħenn ghalina ! Ghallankas ticħatc lili din il grazia : inti s' issa neħħeit cull devozioni li chellech : izda ghal imħabba tighi argia ilbes dan il-Laptu li bghattlech geuua din l' ittra, min naħħa il uaħda emm il Madonna tad-duluri u mill' oħra S. Giusepp.

Kabel ma ìa tmut, sabbar il kalb t' ommoch,

Il Contissa B...

Fil mument ma krajex Gustavu il littra, izda chif marru fein chienu jorkdu daun is-suldati garibladini chellu mitt sena li jakragha. Meta rà li cull ħatt rakat fetaħ il-littra isib il Laptu, rmieħ ma...it-trap...Beda jakra il-littra u fuka xerret xi demgha, beda jinquieta ruħu, jati bill ponn fuk gbinu...u flaħħar mar xteħet fuk it-tiben biex jorkot. X' jorkot ? Jitkalleb min aun ghal inn...u sa flaħħar kam bill mot sieb il Laptu, farfru u libsu taħt il kmis ħamra !

Laghda jisimghu sparatura mill' akua, chien is-signal tal battaglia ta Monte Rotondo. Gustavu ma sħabu telku collom mimlijn bill ħrara ta 'r-rebħ...Izda Gustavu uaka, ħassu ħazin u ħaduħ f' S. Roccu biex jiccurauħ. Il ħsebiet tad-dar, irkat ħazin, il conxienza, collox...giebulu telfien ta moħħ, chien ghoddu miet ! Min emm ħaduħ fl' Isptar ta Terni, mitluf id-deliria. Emm sab uieħed min sħabu ferit fimsarnu, li chien xi

ftit isabbru u talab lis-Soru, li chienet tarahom, li ticteb lill famiglia ta Gustavu biex jibaghtu lill xi ħatt jiccuraħ aħiar. Is-Soru obdiet ma l' air ; u din chienet tara li Gustavu ma chienx ta katgha ħazina. Fittħeudin isejiaħ lill S. Giusepp, ideiħ dejiem jistringiu il-laptu tighu.

Intejien ta feriti f' dach il-loch, nies cull mument jizdiedu, morda u feriti, izda Gustavu ma jafx jara... ghaliex Alla baght lill Gustavu din il marda li chienet prova tal ħniena tighu; Alla ma rietc li Gustavu jara u jisma jeu imitt ideiħ fid-duluri li tauu dauch tal kmis ħamra lill dach ix-Xuejiaħ Kaddis, li chien emm fil Viatican !

## AHBARIJET

Il Papa ta £160 lira inglisa ghal fokra ta Malta. —Il Cardinal Pecci, ħu il Papa ghalak 50 sena li ilu ikaddes fil 27 ta Auissu li ghadda, ua ghandu 80 sena. Ua seua bosta u ghadu jisua lill Cnisia bill ħedma u b' gherfu.—

---

✝

Fid-9 ta Settembru li ħiereg mietet il Birgu Maria Giuseppa Dato armla min Lorenzu zeugia u omm ta 12 l' ulied. Chienet mara taiba li tat esempiu lill' oħrain u rabbiet seuua l'ulieda, u ghalecch cull min sama bill meut taħħa ghela bill bosta. Chella biss 59 sena li temmitom b'meut kaddisa. Alla iħennigha fil Genna u isabbar lill' ulieda aun fl' art. Is-Sur Lorenzu Dato li tant jitħabat ghal dan il giornal ua uieħed min ulieda

Nħabbru ucoll il meut ta *Carmelo Mamo* tal belt; msieħeb f'dan il giurnal, ragiel affezionat lein il Cnisia u tar-rispett li miet fis-27 ta dan ix-xaghar.

*Requiem Æternam.*

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

*Direzioni.*

| | |
|---|---|
| Ghal min irid issieħeb | Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S. Orsola N.187c<br>Ghan-naħħa l'oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato |